MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 73/2011/1

**Talba Numru: 73/2011/KPS fl-ismijiet: -**

**Delta Container Services Co. Limited**

**vs**

**Valletta Freight Services Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fl-14 ta' April 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-27 ta' Jannar 2011, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata*

*thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u erbghin euro (€840) ghar-ragunijiet msemmija fl-avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.*

*Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.*

*Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.*

*Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artikolu 13 (b) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta' attrici*
*s-somma ta' tmien mija u erbghin euro (€840) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Valletta Freight Services Limited datat 26 ta' April 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u dan billi taghi lis-socjeta' appellanti opportunita' sabiex taghmel l-eccezzjonijiet taghha, jew nota b'effett ekwivalenti u tisma' l-provi taghha qabel ma l-kaz jigi maqtugh b'mod definittiv

Rat li dan l-appell gie appuntat ghat-trattazzjoni ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Delta Container Services Company Limited C24069 datata 12 ta' Mejju 2011 a fol 5 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Carmelo Grima ghas-socjeta` appellata. Deher Victor Vella ghas-socjeta` appellata u Dr. Kris Borg ghas-socjeta' appellanti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-6 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 14 ta' April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'dan l-appell is-socjeta' appellanti qed titlob li effettivament tigi gustifikata l-kontumacja taghha u dan ghaliex tghid li hija ma dehritx u ma pprezentatx risposta ghaliex kellhu l-avukat taghha kellhu jipprezenta l-eccezzjonijiet taghha li pero' ma lahaqx ghamel ghaliex kien indispost; l-istess socjeta' tghid li hija kkomunikat mal-avukat taghha wara l-ewwel seduta telefonikament li qallhom li kellhu jitlob differiment izda peress li ma setghax jikteb ma ghamlux, u l-kawza giet deciza fis-6 ta' April 2011. Allura qed issostni li la darba l-avukat taghha kien indispost l-istess Tribunal ma' kellhux jaghddi ghas-sentenza ghaliex b'hekk agixxa b'manjiera serja kontra l-ekwita' u bi pregudizzju ghas-socjeta' appellanti kontra skond allura dak dispost fl-**artikolu 8 (2) tal-Kap. 380.**

Illi dan huwa kaz fejn is-socjeta' appellanti qed tqajjem il-punt ta' gustifikazzjoni ta' kontumacja ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti, u dan giet notifikata fis-17 ta' Marzu 2011 sabiex tidher ghas-seduta tas-6 ta' April 2011, u wara li ma dehritx fl-istess seduta, u lanqas fid-data meta giet differita l-kawza fl-14 ta' April 2011, u fil-fatt ghalhekk giet deciza l-kawza fl-assenza tas-socjeta' attrici fid-data tal-14 ta' April 2011.

Illi f'dan l-appell qed jinghad li din il-Qorti ghandha taghti opportunita' lis-socjeta' appellanti tiddefendi l-kawza ghaliex hija ma dehritx ghaliex halliet f'idejn l-avukat taghha sabiex jipprezenta d-difiza taghha bil-miktub, haga li sfortunatament l-avukat ma ghamilx ghaliex wara li kkomunikat mieghu fl-1 ta' April 2011, l-avukat kien indispost ghaliex kellhu jidhol l-Isptar ghall operazzjoni fejn baqa' sat-3 ta' April 2011 u kellhu tlett gimghat sabiex jirkupra; s-socjeta' appellanti regghet ikkomunikat mieghu fil-5 ta' April 2011, u l-avukat qalilha sabiex ihallu f'idejh ghaliex kien ser jitlob differiment, haga li ma ghamilx ghaliex qal li sfuggitlu, u din id-darba qalilhom li ma kellhomx ghalfejn jitilghu l-Qorti. Fil-fatt ma telghux u inghata d-decizjoni u l-avukat ittenda li kienet inghatat sentenza wara li skond huwa setgha jidhol fl-ufficju b'mod regolari fit-18 ta' April 2011, u jghid fir-rikors tal-appell li huwa *"ircieva telefonata minghand is-socjeta' esponenti biex jaraw x'gara wara s-seduta tas-6 ta' April 2011,* (u l-avukat) *skopra li l-kawza kienet giet deciza".* B'hekk sar dan l-appell fis-26 ta' April 2010.

Illi din il-Qorti tinnota s-socjeta' appellanti kienet taf li kellha tidher fis-seduta tas-6 ta' April 2011 u skond l-avviz tal-kawza li gie notifikat lilha hemm indikat li *"jekk tonqos milli tidher fis-seduta minghajr ma taghti raguni valida l-Gudikatur jista' jiddeciedi t-tilwima fin-nuqqas tieghek u jaqta' li jkollok tbati l-ispejjez".*

Illi dan ifisser li minkejja li infurmat l-avukat taghha bl-inkartament li kienet irceviet fis-17 ta' Marzu 2011 u jidher li inkarigatu sabiex jaghmel l-eccezzjonijiet taghha, izda f'dak il-kaz ma jidhirx fl-istess rikors li l-avukat qalilha sabiex ma tattendiex ghas-seduta tas-6 ta' April 2011. Kien fil-5 ta' April 2011, gurnata qabel il-kawza, li huwa allegat li l-istess socjeta' appellanti regghet ikkomunikat mal-avukat taghha sabiex *"tara jekk hux kollox sew dwar il-kawza taghha u l-avukat taghha verbalment qallhom li ma kellhomx ghalfejn jitilghu il-Qorti ghax hu ma setghax jattendi l-Qorti peress li kien ser jitlob differiment".*

Illi fil-fatt l-istess socjeta' appellanti baqghet ma dehret qatt quddiem it-Tribunal minkejja li kienet avzata bil-

miktub b'dak li setgha jigri kieku ma tidhirx, u baqghet hekk ma dehritx minkejja kienet avzata formalment bil-konsegwenzi li setghu jigru jekk ma tidhirx, u dan anke meta giet informata li l-avukat taghha lanqas setgha jidher. Huwa veru li l-avukat gurnata qabel allegatament qalilha sabiex ma tidhirx, pero' din il-Qorti thoss li dan bl-ebda mod ma jbiddel il-fatt li s-socjeta' appellanti kienet avzata formalment sabiex hija jew rappresentant taghha jidher fil-kawza, u fin-nuqqas kien hemm il-perikolu serju li l-kawza tigi maqtugha fl-assenza taghha, kif huwa permess fil-ligi, u kif fil-fatt gara. Dan huwa iktar serju meta kienet taf li l-avukat taghha ma setghax jidher, u minghajr fl-istess rikors tal-appell, ma hemm ebda taghrif, jekk is-socjeta' appellanti almenu vverifikatx jekk l-avukat kienx lahaq ghamel l-eccezzjonijiet li jinghad li fl-1 ta' April 2011 hija inkarigatu sabiex jaghmel ghan-nom taghha; fil-fatt dak li jirrizulta li inkarigatu jaghmel ghan-nom taghha u mhux biex jidher ghaliha u jipprezentaha legalment.

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li l-istess socjeta' appellanti ma kellha ebda impediment sabiex tidher fil-kawza tramite ir-rappresentanti taghha, u dan iktar u iktar meta kienet avzata bil-konsegwenzi ta' l-istess, iktar u iktar meta dan jidher car mill-avviz tal-istess kawza kif jirrizulta mill-formula riprodotta tal-avviz tas-smiegh tal-istess li tinsab fil-process notifikata lis-socjeta' appellanti stess fis-17 ta' Marzu 2011, fejn din ma thalli l-ebda dubju li n-nuqqas li tal-istess socjeta' li tidher ghas-seduta setgha setgha jwassal sabiex tali kawza tinqata' u hekk fil-fatt gara.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz, minkejja d-diffikultajiet riskontrati, s-socjeta' appellanti kienet negligenti, u certament ma kellhiex tiehu tali riskju meta kellha tali avviz f'ideja u kienet taf li l-avukat taghha ma kienx lanqas ser jidher ghall kawza. Dan iktar u iktar meta jidher li lanqas saqsiet jekk fl-istess kawza gewx prezentati xi atti f'isimha tenut kont li qed jigi allegat f'dan ir-rikors quddiem din il-Qorti, li hija kienet inkarigat lill-avukat taghha sabiex jaghmel eccezzjonijiet ghan-nom taghha meta kkomunikat mieghu fl-1 ta' April 2011, meta hija kienet ilha notifikata mis-17 ta' Marzu 2011. Dan huwa agir negligenti da parte

tas-socjeta' attrici iktar u iktar tenut tac-cirkostanzi tal-kaz, u wkoll meta fil-verita' dak allegat fir-rikors jidher li qed jitfa' tali nuqqas kollu fuq l-avukat taghha, li fuq kollox mhux il-kaz, ghaliex l-avviz sabiex tidher fil-kawza huwa inekwivokabilment dirett lejn is-socjeta' appellanti u lejn hadd izjed. Imkien ma jidher lanqas li l-istess socjeta' inkargat lill xi hadd sabiex jidher ghaliha, anzi jidher li kienet taf li lanqas l-avukat ma kien ser jidher.

Illi dan qed jinghad fl-isfond tal-princpji li sabiex tigi gustifikata l-kontumacja, irid ikun hemm gusta kawza **(Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**); u tali kawza gusta trid tikkonsisti fl-impediment legittimu **(XXXVIII.i.393**); biex ikun legittimu tali impediment irid ikun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci **(XLII. i. 811; XXIX.i.1581),** b'dan ghalhekk li l-konkluzzjoni logika ta' dawn il-principji huwa illi "*f'materja ta purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandhux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*" (**"Brittania Cateria Company Limited vs Scala Developments Limited"** P.A. (RCP) – 26 ta' April 2007); u **"Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia"** A.C. 16 ta Frar 1996).

Illi dan ghandu jinqara anke fl-isfond ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 13 (b) tal-Kap. 380** fejn huwa indikat li jekk parti ma tidhirx it-Tribunal jista' jiddeciedi l-kawza, u allura kien l-obbligu tas-socjeta' attrici li tidher ghall-kawza. F'dan il-kaz kien obbligu taghha mhux biss li tidher ghal-kawza izda anke ssegwi l-istess, haga li ma ghamlitx, u meta ghamlet kien tard wisq ghaliex jidher li minkejja li kienet taf li kellha tidher fis-6 ta' April 2011, u taf li hija ma dehritx, hija kkomunikat mal-avukat taghha biss fit-18 ta' April 2011. Din il-Qorti thoss li f'dawn ic-cirkostanzi din it-Tribunal fl-ewwel lok mexa skond il-ligi u sew, u fit-tieni lok, thoss li ma hemmx bazi sabiex tigi revokata l-istess decizjoni, u dan ghaliex is-socjeta' appellanti kienet neglegenti bin-nuqqas taghha ghall darba darbtejn sabiex tidher almenu ghall-kawza. Dan fih innifsu huwa bizzejjed

sabiex it-talba odjerna kif proposta quddiem din il-Qorti tigi michuda, u dan apparti li dak allegat mis-socjeta' appellanti lanqas gie b'xi mod pruvat izda biss allegat fir-rikors tal-appell.

Illi certament li bil-mod kif mexa t-Tribunal, li xejn minn dan ma' kellhu quddiemu, proprju ghaliex is-socjeta' appellanti naqset li tidher minghajr ma kellha l-ebda impediment legittimu, ghall-ebda wahda mis-seduti quddiemu, ma jistax jinghad li mexa kontra d-dettami ta' imparzjalita' u b'nuqqas ta' ekwita' skond dak provdut fl-**artikolu 8 (2) (d) tal-Kap. 380** u din il-Qorti thoss li dan il-kaz ma jaqax taht dan is-subartikolu. Ghalhekk l-appell odjern qed jigi michud.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' appellata datata 12 ta' Mejju 2011 biss inkwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti fir-rikors tal-appell taghha datat 26 ta' April 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u b'hekk tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 14 ta' April 2011 fl-ismijiet premessi "Delta Container Company Services Limited vs Valletta Freight Services Limited" (Talba Numru: 73/2011/KPS) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti Valletta Freight Services Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------